B07/2026	Procurement of twenty notebooks from MITA via the Central Procurement Framework	MITA	14/05/2026	€9,998.80	One (1) time supply
B08/2026	Direct order for the renewal for the annual subscription for 'ZOHO Desk Professional Edition'	Zoho Corporation B.V	28/05/2026	€8,280.00	Twelve (12) months
B09/2026	Direct order for auditing services of the Childcare refunds Scheme – Maltese Proficiency Allowance	GCS Assurance Malta Limited	09/06/2026	€9,977.50	Twelve (12) months
B10/2026	Direct order for the preparation (printing, folding, envelopes and postage) related to the 2025 Atypical Hours In-Work Benefit	Government Printing Press	09/06/2026	€5,053.35	One (1) time supply
B12/2026	Direct order for the renewal of Adobe Acrobat DC Pro Licences	Forestals Ltd	26/06/2026	€8,404.87	Twelve (12) months
DO/01/26	Direct order to replace the computers used for training purposes	MITA	13/02/2026	€17,050.29	One (1) time supply
DO/02/26	Direct order for Legal services	Dr Dennis Zammit	13/04/2026	€43,200	Thirty-six (36) months
DO/04/26	Direct order for a service contract with MITA	MITA	27/05/2026	€148,993	Twelve (12) months

Nru ta' Referenza *Reference No.*	Isem tad-Direct Order/ Suġġett tad-Direct Order *Direct Order Name/ Subject of Direct Order*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Data tal-Approvazzjoni/ Għotja *Approval/Award Date*	Valur tal-Kuntratt (VAT eskluża) *Contract Value Excl. VAT*	Tul *Duration*
DO/05A/26 (EOI/ JP/01/2026)	The provision of monitoring services for Schemes and Projects (through an expression of interest)	Mr Shaun Mawdsley	23/06/2026	€139,000.00	Thirty-six (36) months

KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA

Għeluq ta' Toroq u Sospensjoni ta' Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Tas-Sliema jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97, it-toroq li jidhru hawn taħt se jkunu magħluqin għat-traffiku u se jiġu kklassifikati bħala 'Tow Zones' kif indikat.

Il-Kunsill Lokali Tas-Sliema jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u ħinijiet indikati kif ġej:

Nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Awwissu, 2026, mis-7.30 a.m. sal-5.00 p.m., hemm bżonn ta' għeluq totali ta' Triq Nicolò Isouard, u 11, Triq Kent, u parkeġġ se jkun sospiż fi tmintax-il spazju ta' parkeġġ.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-18 ta' Awwissu, 2026

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Sospensjoni ta' Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar jgħarraf illi ħadd ma jista' jipparkja fit-toroq u dati msemmija hawn taħt:

Triq Toni Bajada, San Pawl il-Baħar nhar il-Ħamis, 20 ta' Awwissu, 2026, mill-10.00 a.m. sa nofsillejl;

Triq it-Trunċiera nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Awwissu, 2026, mill-10.00 a.m. sa nofsillejl.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

It-18 ta' Awwissu, 2026

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL

Road Closures and Parking Suspension

The Tas-Sliema Local Council notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder will be closed to traffic and are to be classified as 'Tow Zones' as indicated.

The Sliema Local Council hereby notifies that the stopping and parking of vehicles in the streets mentioned is prohibited on the date and times indicated as follows:

On Friday, 21st August, 2026, from 7.30 a.m. to 5.00 p.m., full road closure is required in Triq Nicolò Isouard, and 11, Triq Kent, and parking will be prohibited in eighteen parking spaces.

Vehicles found in contravention of this notice will be liable to be towed.

18th August, 2026

SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL

Suspension of Parking

The San Pawl il-Baħar Local Council notifies that no parking is allowed in the following streets and dates:

Triq Toni Bajada, San Pawl il-Baħar, on Thursday, 20th August, 2026, from 10.00 a.m. to midnight;

Triq it-Trunċiera on Friday, 21st August, 2026, from 10.00 a.m. to midnight.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

18th August, 2026

KUNSILL LOKALI L-BELT VALLETTA

Sospensjoni ta' Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Belt Valletta jgħarraf illi parkeġġ se jkun sospiż fit-toroq li ġejjin fid-dati msemmija kif indikat hawn taħt:

Mill-4.00 p.m. tal-Ħamis, 20 ta' Awwissu, 2026 sat-8.00 p.m. tal-Ġimgħa, 21 ta' Awwissu, 2026, f'sittin spazju ta' parkeġġ fil-Foss tal-Belt Valletta fi Triq l-Assedju l-Kbir;

Nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Awwissu, 2026, mill-5.00 a.m. sas-7.00 p.m., f'għaxar spazji ta' parkeġġ fi Triq Tat-Teatru l-Antik.

It-18 ta' Awwissu, 2026

VALLETTA LOCAL COUNCIL

Suspension of Parking

The Valletta Local Council notifies that parking will be prohibited in the following streets on the mentioned dates as indicated below:

From 4.00 p.m. of Thursday, 20th August, 2026 to 8.00 p.m. of Friday, 21st August, 2026, in sixty parking spaces in Valletta's Ditch in Triq l-Assedju l-Kbir;

On Friday, 21st August, 2026, from 5.00 a.m. to 7.00 p.m., in ten parking spaces in Triq Tat-Teatru l-Antik.

18th August, 2026

KUNSILL LOKALI L-GŻIRA

Il-Kunsill Lokali l-Gżira jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali l-Gżira permezz tal-ePPS sad-9.30 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Settembru, 2026, għal:

Avviż Nru GLC/02/2026. Provvista u installazzjoni ta' CCTV equipment u xogħlijiet anċillari fi Triq il-Karmnu, Gżira, għall-Kunsill Lokali l-Gżira.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-18 ta' Awwissu, 2026

GŻIRA LOCAL COUNCIL

The Gżira Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Gżira Local Council through ePPS, up to 9.30 a.m. of Friday, 18th September, 2026, for the:

Advt No. GLC/02/2026. Provision and installation of CCTV equipment and ancillary works in Triq il-Karmnu, Gżira, for the Gżira Local Council.

Tender documents are free of charge and are to be viewed /downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and downloaded from the same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous one.

18th August, 2026

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2095

Permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Lulju, 2026, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors numru 145/2026AGV fl-ismijiet Charmaine Darmanin vs Calcedonio Darmanin, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Calcedonio Darmanin a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By means of a decree of the 9th July, 2026, of the Civil Court (Family Section), in the records of the application in the names Charmaine Darmanin vs Calcedonio Darmanin, Application number 145/2026AGV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Calcedonio Darmanin in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Charmaine Darmanin (KI 0476779M) vs Calcedonio Darmanin (KI 0557377M) fl-atti tar-Rikors numru 145/2026 AGV, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fis-27 ta' Marzu, 2026, ir-rikorrenti Charmaine Darmanin (KI 0476779M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ccelbrat fl-1 ta' Ġunju, 2003;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati fi żmien imħolli għalhekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru pubbliku.

Il-kawża fl-ismijiet Charmaine Darmanin vs Calcedonio Darmanin (Rikors numru 145/2026AGV) hija differita għat-23 ta' Settembru, 2026, fid-9.00 a.m.

Intimat: Calcedonio Darmanin 3, Triq l-Imdina, Is-Siġġiewi

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 14 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an Application in the records of the application Number 145/2026AGV in the names Charmaine Darmanin (ID 0476779M) vs Calcedonio Darmanin (ID 0557377M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 27th March, 2026, the applicant Charmaine Darmanin (ID 0476779M) requested this Honourable Court to:

1. To pronounce the dissolution of marriage celebrated on the 1st June, 2003;

2. Order the Registrar of Courts so that within the time specified by this Court, notify the Director of Public Registry regarding the dissolution of marriage of the parties so that this is registered in the Public Registy.

The application in the names Charmaine Darmanin vs Calcedonio Darmanin, Application number 145/2026AGV has been postponed for hearing to the 23rd September, 2026, at 9.00 a.m.

Respondent: Calcedonio Darmanin 3, Triq l-Imdina, Siġġiewi

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 14th August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2096

Permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Lulju, 2026, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tal-ittra ta' medjazzjoni fl-ismijiet Grace Agius vs Kimberly Cassar numru 860/2026, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Kimberly Cassar a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta rikors fl-ismijiet Grace Agius (KI 0404589M) vs Kimberly Cassar (KI265597M) fl-atti tal-Ittra ta' Medjazzjoni numru 860/2026, pprezentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fid-9 ta' Lulju 2026, ir-rikorrenti Grace Agius (KI 0404589M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri tiġi fdata lir-rikorrenti pendente lite;

2. Tawtorizzaha tieħu d-deċiżjonijiet kollha rigward il-minuri inkluż dawk relatati ma' saħħa u edukazzjoni tal-minuri … omissis … pendente lite;

3. Tiddikjara illi r-rikorrenti għandha s-setgħa ta' ġenitur pendente lite;

By means of a decree of the 31st July, 2026, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Letter of Mediation in the names Grace Agius vs Kimberly Cassar, number 860/2026, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Kimberly Cassar in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an Application in the acts of the Letter of Mediation number 860/2026 in the names Grace Agius (ID 0404589M) vs Kimberly Cassar (ID 265597M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 9th July, 2026, the applicant Grace Agius (ID 0404589M) requested this Honourable Court to:

1. Order that the care and custody of the minor be entrusted to the applicant pendente lite;

2. Authorise her to take all decisions regarding the minor including those related to the health and education of the minor … omissis … pendente lite;

3. Declare that the applicant has the power of parent pendente lite;

4. Tordna illi omm il-minuri jkollha aċċess pendente lite f'ħinjiet li din l-Onorabbli Qorti tqis xieraq iżda b'forma ta' superviżjoni;

5. Taħtar social worker sabiex iwettaq l-investigazzjoni meħtieġa u jippreżenta rapport fuq il-qagħda tal-minuri u fuq kull ċirkostanza oħra li tqis xierqa din l-Onorabbli Qorti.

Qorti (Sezzjoni tal-Familja) – l-Onor. Imħallef Brigitte Sultana, LLD, LLM (CARDIFF), Adv. Trib. Eccl. Melit.

Ittra numru 860/2026

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tad-9 ta' Lulju, 2026;

Tordna notifika lill-kontroparti b'erbat ijiem żmien għar-risposta.

llum 9 ta' Lulju, 2026

Rikorrenti: Flat 3, Block 2, Binja Ħal Ginwi, Triq Axtart, Marsaxlokk

Notifika: Kimberly Cassar, 53 Redentore, Triq l-Aħwa Zammit, Ħal Qormi

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 14 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

4. Order that the minor's mother has access pendente lite at times as this Honourable Court deems fit but in a form of supervision;

5. Appoint a social worker to carry out the necessary investigation and present a report on the situation of the minor and on any other circumstances that this Honourable Court deems fit.

Civil Court (Family Section) – Honorable Madame Justice Brigitte Sultana, LLD, LLM (CARDIFF), Adv. Trib. Eccl. Melit

Letter number 860/2026

The Court,

Having seen the application dated 9th July, 2026;

Orders the notification of the counterparty who has four days to file a reply.

Today 9th July, 2026

Applicant – Flat 3, Block 2, Binja Ħal Ginwi, Triq Axtart, Marsaxlokk

Notification: Kimberly Cassar – 53 Redentore, Triq l-Aħwa Zammit, Ħal Qormi

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 14th August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2097

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti , fil-21 ta' Lulju, 2026, fuq talba Vanessa Galea ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Arturo Bruci fl-atti tar-Rikors numru 657/2026JPG fl-ismijiet Vanessa Galea vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Vanessa Galea vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw li Arturo Bruci (KI 0234221A) u l-Awtorità tad-Djar, ippreżentat fl-1 ta' Lulju, 2026, ir-rikorrenti Vanessa Galea (KI 199271M) talbet bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti:

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court, on the 21st July, 2026, by means of a request by Vanessa Galea it was ordered that deputy curators be chosen to represent Arturo Bruci, in the records of the Application 657/2026JPG, in the names Vanessa Galea vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application, filed in the First Hall Civil Court, in the names Vanessa Galea vs Deputy Curators to represent Arturo Bruci (ID 0234221A) and the Housing Authority, on the 1st July, 2026, the applicant Vanessa Galea requested with respect this Honourable Court to:

1. Tirrevoka kwalunkwe mandat li jista' jippretendi li għandu jew għad għandu Arturo Bruci mingħand ir-rikorrenti attriċi;

2. Tiddikjara li Arturo Bruci m'għandu l-ebda jedd fuq il-fond ossija appartament Flat 4, Coral Sky, Triq Birkirkara, San Ġwann;

3. Tiddikjara li kwalunkwe reġistrazzjoni mwettqa minn Arturo Bruci inkonnessjoni mal-imsemmi fond inkwantu tirrigwardja lilu personalment hija illegali u għandha titħassar;

4. Tordna lill-Awtorità intimata konvenuta tħassar r-reġistrazzjonijiet kollha fejn juru li Arturo Bruci fi kwalunke kwalità tiegħu u fejn jidħol il-fond mertu tal-kawża odjerna u jew tippermetti lir-rikorrenti-attriċi tħassar hija l-istess reġistrazzjonijiet fejn dawn jirrigwardjaw il-fond mertu ta' din il-kawża.

Bl-ispejjeż kollha kontra Arturo Bruci u l-intimati jew rappreċentanti tagħhom minn issa inġunti in subizzjoni.

Rikorrenti: Flat 9, Luzern Court, Triq Birkirkara, San Ġiljan

Atturi: Kuraturi deputati, Il-Qorti

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Jacqueline Padovani Grima, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 21 ta' Lulju, 2026

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 14 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. Revoke any warrant that Arturo Bruci pretends that he have or still have from the plaintiff;

2. Declare that Arturo Bruci has no right over the premises or rather apartment Flat 4, Coral Sky, Triq Birkirkara, San Ġwann;

3. Declare that any registration carried out by Arturo Bruci in connection with the said premises in so far as it relates to him personally is illegal and should be cancelled;

4. Order the defendant respondent Authority to cancel all the registrations whereby they show that Arturo Bruci in any of his capacities and as regards the premises merit of the present cause and or allow the applicant to cancel it the same registrations as regards the premises merit of this cause.

With all costs against Arturo Bruci and the respondents or their representatives from now summoned so that a reference to their oath be made.

Applicant – Flat 9, Luzern Court, Triq Birkirkara, St Julian's

Notification: Deputy curators, Law Courts

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Jacqueline Padovani Grima, LLD , Doctor of Laws.

Today 21st July, 2026

Registry of the Superior Courts, today 14th August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2098

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-23 ta' Lulju, 2026, u dan wara Rikors b'numru 585/2026, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, sabiex jagħmel it-tibdil opportun fuq l-Att tat-Twelid ta' Miss Natnalinee Sungkol Abela meta dan jiġi biex ikun reġistrat f'Malta biex l-isem tar-rikorrenti jiġi mibdul minn 'Natnicha' għal 'Natnalinee' u sussegwentement minn 'Natnalinee' għal 'Natnalinee Sungkol' bħala isem tal-istess rikorrenti. Tordna wkoll li fuq l-Att taż-Żwieġ bin-numru 1739/2021 l-isem 'Natnalinee' bil-kunjom 'Sungkol Abela' jiġi mibdul għall-isem 'Natnalinee Sungkol' bil-kunjom 'Abela'. Tordna wkoll li fuq l-Att tat-Twelid tal-minuri Mark Abela numru 553/2022 jiġi reġistrat fis-sezzjoni tad-dettalji tal-omm l-istess tibdil sabiex id-dettalji tal-omm jaqra 'Natnalinee Sungkol' bħala isem u 'Abela' bħala kunjom.

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 23rd July, 2026, and upon an application numbered 585/2026, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate amendment to the Act of Birth of Miss Natnalinee Sungkol Abela when it is registered in Malta, so that the applicant's name is changed from 'Natnicha' to 'Natnalinee' and subsequently from 'Natnalinee' to 'Natnalinee Sungkol' as the applicant's given name. It is further ordered that, on the Act of Marriage number 1739/2021, the name 'Natnalinee' with the surname 'Sungkol Abela' be changed to the name 'Natnalinee Sungkol' and the surname 'Abela'. It is further ordered that, on the Act of Birth of the minor Mark Abela, number 553/2022, the same amendment be recorded in the section containing the mother's particulars, so that the mother's details read 'Natnalinee Sungkol' as her given name and 'Abela' as her surname.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ħamis 13 ta' Awwissu, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Court of Revision of Notarial Acts

Today Thursday 13th August, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2099

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-8 ta' Awwissu, 2026, u dan wara Rikors b'numru 616/2026, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, sabiex jagħmel it-tibdil opportun fuq l-Att tat-Twelid ta' Soprina Engcog Baldacchino meta dan jiġi reġistrat f'Malta u l-Att taż-Żwieġ tagħha numru 3496/2019 sabiex it-tieni isem tar-rikorrenti jiġi mibdul minn 'Gantiao' għal 'Engcog'.

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 8th August, 2026, and upon an application numbered 616/2026, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate amendment to the Act of Birth of Soprina Engcog Baldacchino when it is registered in Malta and to the Act of Marriage number 3496/2019, so that the applicant's second name is changed from 'Gantiao' to 'Engcog'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ħamis 13 ta' Awwissu, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Court of Revision of Notarial Acts

Today Thursday 13th August, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2100

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-8 ta' Awwissu, 2026, u dan wara Rikors b'numru 617/2026, ordnat:

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 8th August, 2026, and upon an application numbered 617/2026, ordered:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, sabiex jagħmel it-tibdil opportun fuq l-Att tat-Twelid ta' Katrina Gemma Azzopardi Russell u l-Att taż-Żwieġ tagħha meta dawn jiġu biex ikunu reġistrati f'Malta sabiex isem ir-rikorrenti jiġi mibdul minn 'Katrina Gemma' għal 'Katrina Gemma Azzopardi' kif ukoll sabiex il-kunjom li hija addottat wara ż-żwieġ jiġi mibdul minn 'Azzopardi' għal 'Russell' fuq l-Att taż-Żwieġ tagħha meta dan jiġi reġistrat f'Malta.

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate amendment to the Act of Birth of Katrina Gemma Azzopardi Russell and to the Act of Marriage when these are registered in Malta, so that the applicant's name is changed from 'Katrina Gemma' to 'Katrina Gemma Azzopardi', and so that the surname which she adopted following the marriage is changed from 'Azzopardi' to 'Russell' on the Act of Marriage Act when it is registered in Malta.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ħamis 13 ta' Awwissu, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Court of Revision of Notarial Acts

Today Thursday 13th August, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2101

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-20 ta' Mejju, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 506/2025, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Paola Borg, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Paola Borg a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 20th May, 2025, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 506/2025 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Paola Borg the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Paola Borg in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 11 ta' Frar, 2025

Lil Paola Borg (KI 517033M) ta' 67, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Il-Mosta

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €760.83, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000090145 ossija dwar il-fond bl-indirizz 67, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Il-Mosta.

To Paola Borg (ID 517033M) of 87, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €760.83, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to law regarding regarding the utility bills with number 101000090145 regarding the premises with address 67, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 14 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 14th August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2102

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-20 ta' Mejju, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 311/2025, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs John Scott, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat John Scott a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 27 ta' Jannar, 2025

Lil John Scott (KI 942144M) ta' 165, Triq il-Vitorja, L-Isla

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €1,522.11, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rapprezentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000114110 ossija dwar il-fond bl-indirizz 165, Triq il-Vitorja, L-Isla.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni

By means of a decree of the 20th May, 2025, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 311/2025 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs John Scott the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent John Scott in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 27th January, 2025

To John Scott (ID 942144M) of 165, Triq il-Vitorja, Senglea

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €1,522.11, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to law regarding regarding the utility bills with number 101000114110 regarding the premises with address 165, Triq il-Vitorja, Senglea.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on

daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 14 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 14th August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2103

Avviż skont l-artikolu 495A(3) tal-Kodiċi Ċivili maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) , Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Rikors ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili numru 93/2026 (FG)

Charles Falzon (detentur tal-passaport tal-Istati Uniti bin-numru 597061331) li jirrisjedi fl-esteru u li huwa debitament rappreżentat mill-Av. Jonathan Mintoff, detntur tal-karta tal-identità numru 9495M

vs

Joseph John sive Joseph Falzon (detentur tal-karta tal-identità nurmu 41696M)

Rikors Ġuramentat ta' Charles Falzon (detentur tal-passaport tal-Istati Uniti bin-numru 597061331) li jirrisjedi fl-esteru u li huwa debitament rappreżentat mill-Av. Jonathan Mintoff, detntur tal-karta tal-identità numru 9495M, u dan kif debitament awtorizzat in forza ta' prokura hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'POA' c/o Cor 951, Level 2, Office 6b, Pjazza President J. F. Kennedy, Ir-Rabat, Għawdex.

Jesponi bir-rispett bil-ġurament tiegħu l-Av. Jonathan Mintoff (karta tal-identità numru 9495M) jikkonferma:

1. Illi din il-kawża tirrigwardja l-fond bin-numru 26A, magħaruf wkoll bħala 'Falzon House', u xi drabi oħra magħrufa bħala 'God Bless America', fi Triq il-Forn, Il-Qala, Għawdex, bil-ġnien magħha, bid-dritijiet u l-pertinenzi kollha tagħha. Liema proprjetà hija aħjar murija fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'A';

2. Illi din il-provenjenti mill-wirt u s-suċċessjoni tal-ġenituri tal-partijiet u ċoè Giovanni sive John Falzon u Maria Falzon née Falzon;

Notice in terms of article 495A(3) of the Civil Code issued by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section

In the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

Application in terms of Article 495A of the Civil Code Reference number 93/2026 (FG)

Charles Falzon (holder of United States passport number 597061331), residing abroad and duly represented by Advocate Jonathan Mintoff, holder of identity card number 9495M

vs

Joseph John sive Joseph Falzon (holder of identity card number 41696M)

Sworn Application of Charles Falzon (holder of United States passport number 597061331), residing abroad and duly represented by Advocate Jonathan Mintoff, holder of identity card number 9495M, and this as duly authorised by virtue of a power of attorney herewith attached and marked as Doc. 'POA', c/o Cor 951, Level 2, Office 6b, Pjazza President J. F. Kennedy, Victoria, Gozo.

The Advocate Jonathan Mintoff (identity card number 9495M), duly sworn, respectfully declares and confirms:

1. Whereas this present action relates to the property numbered 26A, also known as 'Falzon House', and at times also known as 'God Bless America', in Triq il-Forn, Qala, Gozo, together with the garden attached thereto, with all its rights and appurtenances. Which property is better shown on the plan attached herewith and marked as Doc.'A';

2. Whereas this property devolved from the inheritance and succession of the parents of the parties, namely Giovanni sive John Falzon and Maria Falzon née Falzon;

3. Illi b'hekk l-istat ta' komproprjetà fit-titolu tal-proprjetà de quo ilu għal perjodu ta' ferm aktar minn tliet (3) snin;

4. Illi b'hekk ir-rikorrenti għandu s-sehem ta' żewġ terzi (2/3) indiviżi, filwaqt li l-konvenut għandu s-sehem ta' terz (1/3) indiviż mill-proprjetà mertu ta' dan ir-rikors;

5. Illi r-rikorrenti daħal f'konvenju, kopji ta' liema qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'B.' sabiex ibiegħu l-proprjetà mertu ta' dan ir-rikors, bi prezz ikkalkolat ta' miljun ewro (€1,000,000) għal proprjetà kollha fl-intier tagħha (u ċoè dan jinkludi wkoll is-sehem indiviż tal-konvenut). Madankollu, ir-rikorrenti mhuwiex fil-pożizzjoni li jbigħ l-intier tal-proprjetà stante illi l-konvenut għandu sehem indiviż mill-proprjetà u b'hekk ma jistax jinbiegħ l-intier skont it-termini u kundizzjonijiet tal-istess konvenju u għalhekk l-esponenti qed jipprevalixxu ruħhom mill-artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jiġi approvat l-imsemmi bejgħ minn din l-Onorabbli Qorti;

6. Illi għalhekk fadal biss l-intimat li għandu l-kwota/sehem ta' terz (1/3) indiviżi, dan kif jirriżulta mill-prospett msemmi aktar 'l isfel;

7. Illi l-istess rikorrenti jikkonferma illi m'hemm l-ebda kawża dwar qsim tal-istess proprjetà mertu ta' dan ir-rikors/konvenji supra indikati pendenti quddiem xi tribunal jew Qorti kompetenti tal-pajjiż;

8. Illi l-atturi jikkonferma illi l-kundizzjonijiet tal-konvenju, inkluż il-prezz pattwit u propost, huwa wieħed ġust u xieraq u għalhekk l-intimat ma huwiex sejjer ikun gravament ippreġudikat fl-eventwalità li l-Qorti tordna l-bejgħ tal-intier ta' din il-proprjetà.

9. Illi l-esponenti qed jannettu wkoll rapport peritali tal-Perit Emanuel Vella li jikkonferma li l-prezz pattwit fil-konvenju huwa wieħed vantaġġjuz meta kkunsidrat il-kejl tal-proprjetà, iż-żona li tinsab din il-proprjetà, u ċ-ċirkostanzi kollha relatati mal-istess proprjetà (rapport hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'C');

10. Illi għal kull bon fini u ai termini tal-artikolu 495A(2) tal-Kodiċi Ċivili, qiegħda tiġi anness:

i. Dikjarazzjoni (maħlufa) tagħhom li huma jaqblu li jsir dan il-bejgħ fit-termini tal-imsemmi konvenju – hawn anness bħala Dok. 'D', u

3. Whereas therefore the state of co-ownership in the title to the property in question has existed for a period of considerably more than three (3) years;

4. Whereas therefore the applicant has an undivided share of two-thirds (2/3), whilst the respondent has an undivided share of one-third (1/3) of the property subject of this application;

5. Whereas the applicant entered into a promise of sale agreement, copies of which are herewith attached and marked as Doc. 'B', in order to sell the property subject of this application, at a price calculated at one million euro (€1,000,000) for the property in its entirety (that is, including also the respondent's undivided share). However, the applicant is not in a position to sell the property in its entirety since the respondent has an undivided share in the property and therefore the whole property cannot be sold in accordance with the terms and conditions of the same promise of sale agreement and, consequently, the applicant is availing himself of Article 495A of Cap. 16 of the Laws of Malta so that the said sale may be approved by this Honourable Court;

6. Whereas therefore there remains only the respondent who has the quota/share of one-third (1/3) undivided, as results from the statement mentioned further below;

7. Whereas the same applicant confirms that there is no action concerning the partition of the same property subject of this application/promise of sale agreement referred to above pending before any competent tribunal or Court of the country;

8. Whereas the applicant confirms that the conditions of the promise of sale agreement, including the agreed and proposed price, are fair and reasonable and therefore the respondent will not be gravely prejudiced in the event that the Court orders the sale of the property in its entirety;

9. Whereas the applicant is also attaching a valuation report by Architect Emanuel Vella which confirms that the price agreed upon in the promise of sale agreement is an advantageous one when considering the size of the property, the area in which this property is situated, and all the circumstances relating to the same property (report herewith attached and marked as Doc. 'C');

10. Whereas, for all intents and purposes and in terms of Article 495A(2) of the Civil Code, there are being attached:

i. A declaration (under oath) by them that they agree to the sale being carried out in accordance with the terms of the said promise of sale agreement – herewith attached as Doc. 'D', and

ii. Prospett (maħluf) li juri l-għadd u l-valur tal-ishma li għandu kull wieħed mil-kontendenti – hawn anness bħala Dokument 'E';

11. Illi għalhekk skont l-artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jeżistu l-estremi kollha sabiex din l-Onorabbli Qorti tawtorizza dana l-bejgħ;

12. Illi l-esponenti jafu b'dawn il-fatti personalment u għalhekk kellha issir din il-kawża.

Għaldaqstant u in vista tas-su espost l-esponenti umilment jitoblu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tordna l-pubblikazzjoni ta' dan ir-rikors fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetti oħra lokali ai termini tal-artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi l-prezz kif ukoll il-kundizzjonijiet proposti għat-trasferiment ta' sehem ir-rikorrenti fil-proprjetà mertu ta' dan ir-rikors odjern ossija l-fond bin-numru 26A, magħaruf wkoll bħala 'Falzon House', u xi drabi oħra magħrufa bħala 'God Bless America', fi Triq il-Forn, Il-Qala, Għawdex, bil-ġnien magħha, bid-dritijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, liema proprjetà hija aħjar murija fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'A', huma ġusti u xierqa u li l-istess prezz u kundizzjonijiet għandhom japplikaw għall-kwota spettanti lill-intimat minn dawn l-istess proprjetajiet;

3. Tiddikjara illi li l-komproprjetarju dissidenti konvenut ma humiex se jkun gravament ippreġudikat b'dan il-bejgħ;

4. Tapprova l-bejgħ propost u tawtorizza dan l-istess bejgħ ta' dan il-fond bil-pattijiet u kundizzjonijiet l-oħra kollha stipulati fil-konvenji supra indikati, skont il-liġi u dan salv kwalunkwe varjazzjonijiet ta' dispożizzjonijiet u kundizzjonijiet oħra, inkluż dak fil-prezz, li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa;

5. Tordna l-pubblikazzjoni tal-att tal-bejgħ li għandu jinkludi wkoll il-kwota spettanti lill-konvenut fil-ħin u l-lok li jiġu ffissati, u ta' kull att ieħor relattiv/anċillari li jkun meħtieġ;

6. Taħtar lin-Nutar Dott. Maria Vella Magro sabiex tippubblika l-att ta' bejgħ opportun u ta' kull att ieħor relattiv/anċillari, u dan bl-intervent ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att u kull att ieħor relattiv/anċillari;

